**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 28 TA' JANNAR, 2001**

**Numru: 7**

**Avviz Nru: 1100/01 AE**

**Dr. Adrian's Garden Centre Co Ltd**
**vs**
**David Debono.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u disgha u tletin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm139.15), prezz ghal servizzi rezi fuq ordni tal-konvenut. Bl-imghax mis-7 ta' Awissu 2001 u l-ispejjez.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut (fol. 8) u li permezz taghha ecepixxa:

1. Illi l-pjanta li saret mis-socjeta attrici hi biss pjanta preliminari li kellha tigi redatta minghajr hlas bl-intendiment illi jekk il-pjanta tigi accettata mill-konvenut dan jinkariga lis-socjeta attrici sabiex tesegwixxi x-xogholijiet relattivi. Tant hu hekk li qabel ma lestiet ix-xoghol is-socjeta attrici qatt ma semmiet li kienet qeghda tippretendi hlas ghal din il-pjanta. Is-socjeta attrici ma gietx inkarigata taghmel dawn ix-xogholijiet u ghalhekk l-ebda somma mhi dovuta.

2. Illi l-pjanta giet sottomessa tard hafna minkejja diversi twissijiet mill-konvenut. Is-socjeta attrici naqset milli tissottometti l-pjanta fiz-zmien pattwit u ghalhekk il-konvenut kien kostrett jinkariga terzi persuni biex jaghmlu pjanta ohra.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba tas-socjeta attrici hija ezagerata peress li din kienet pjanta biss preliminari.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Il-kawza odjerna titratta talba da parti tas-socjeta attrici sabiex tithallas is-somma ta' mija u disgha u tletin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm139.15). Skond invoice mahrug mis-socjeta attrici (Dok. AZ2) dan il-hlas qieghed jintalab ghal *"design fees and consultancy"*.

2. Milli provi rrizulta li l-konvenut kien ser jakkwista dar gewwa z-Zurrieq li kellha gnien kbir, u ried jinkariga lil xi hadd biex jaghmillu dak li sejjah bhala *"low maintenance garden"*.

3. Il-verzjonijiet moghtija mill-partijiet dwar giex miftiehem prezz ghax-xoghol li kellha taghmel is-socjeta attrici, huma kontrastanti. Filwaqt li r-rapprezentant tas-socjeta attrici xehed li huwa kien spjega li d-dizinn kien ser *"jiswa' bejn wiehed u iehor mitt Lira"* (xhieda moghtija fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2002), il-konvenut xehed li qatt ma ssemmew prezzijiet u li huwa talab *"kuncett ta' x'kellu jsir. Jiena tlabtu jaghtini an initial plan ta' kif jissuggerixxi li naqsmu l-gnien"*.

4. It-Tribunal irid jiddecidi ghab-bazi tal-principju *iuxta allegata et probata*, u dan skond it-talba attrici u l-eccezzjonijiet li jinghataw mill-konvenut. Kif tajjeb inghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Vincenti Rausi nomine vs Joseph Muscat** (Citaz. Nru: 64/91JSP) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1992: *"The general rule is that the party who alleges any matter in issue must prove it..... In a civil case the pleadings must be looked at in order to settle the question. The plaintiff naturally in his statement of defence, makes the first allegations. If the defendant in his defence, pleads a traverse or denial of an allegation made by the plaintiff, that puts it in issue and leaves the burden of proof upon the plaintiff".*

5. Ma jirrizultax li sar xi ftehim bil-miktub bejn il-partijiet. Min-naha l-ohra huwa fatt ikkontestat li Dr. Adrian Zammit:

(a) Mar fil-post in kwistjoni f'zewg okkazzjonijiet differenti, fejn effettivament saru diskussjonijiet dwar il-gnien u l-mod kif kellu jitqassam;

(b) Ipprezenta lill-konvenut bi pjanta (Dok. AZ3), li fiha ippropona l-mod kif kellu jitqassam il-gnien. Sabiex seta' jaghmel dan ix-xoghol huwa nghata *site plan* mill-konvenut (ara xhieda tal-konvenut moghtija fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2002).

6. Ghalkemm fid-deposizzjoni tieghu l-konvenut inizjalment ipprova jaghti x'jifhem li qatt ma kien hemm ftehim dwar hlas u li ppretenda li dan l-inkarigu ikun b'xejn, xehed: ***"nispjega illi l-hsieb taghna kien li nhallsu xi haga tax-xoghol illi ghamel Dr. Zammit, pero' zgur mhux dik is-somma esagerata li qieghed tintalab minghandna"***.

7. It-Tribunal m'huwiex sodisfatt li mill-provi rrizulta li kien hemm xi ftehim fuq prezz ghal dan ix-xoghol. Kif tajjeb inghad fil-kawza hawn fuq citata: *"Fejn l-assjem ta' provi hu tali li l-verzjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilancjati, li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli u veritjiera u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, ma jibqx lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabiltajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu – actore non probante, reus absolvitur"*.

8. Min-naha l-ohra l-konvenut ma jistax, u lanqas m'huwa lecitu, li jippretendi li tas-servizz moghti mis-socjeta attrici ma jhallas xejn. Mill-provi ma rrizultax li kien hemm xi ftehim fis-sens li ma jsirx hlas. Semmai, il-kwistjoni jekk kienx dovut xi hlas messha giet iccjarata mill-konvenut qabel ma ta l-inkarigu

lis-socjeta attrici. F'dan ir-rigward il-konvenut xehed: *"jiena fl-ebda stadju ma staqsejt lil Dr. Zammit jekk kienx ser ikun hemm xi spejjez ghal din il-bicca xoghol.* ***Pero' assumejt li dan kien minghajr hlas jew hlas minnu****"*.

9. Wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, fosthom:

(a) Iz-zewg okkazzjonijiet li fihom Dr. Adrian Zammit iltaqa' personalment mal-konvenut;

(b) Il-pjanta li saret mis-socjeta attrici u li biha gie propost kif kellu jitqassam il-gnien; [liema pjanta ma jirrizultax li hija skalata u ma ttiehed ebda kejl sabiex saret];

(c) Il-fatt li l-inkarigu ma tlestiex meta ried il-konvenut (madanakollu l-konvenut xorta zamm il-pjanta bid-dizinn u fi kliemu *"li kieku l-kuncett ta' Dr. Zammit ghogobna ahna konna ninkarigawh jaghmel ix-xoghol"*. Ghalhekk mhuwiex minnu dak allegat fit-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut [fol. 9]);

it-Tribunal qieghed jillikwida *arbitro boni viri* s-somma ta' hamsa u erbghin lira Maltija (Lm45) bhala ammont pagabbli lis-socjeta attrici ghas-servizz moghti lill-konvenut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jilqa' t-talba attrici limitament ghas-somma ta' hamsa u erbghin lira Maltija (Lm45), bl-imghax mil-lum.

L-ispejjez (mhux inkluz id-drittijiet legali li fir-rigward taghhom japplika l-Artikolu 10 tal-Kap. 380), jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**